Network Dinji ta' Talb mal-Papa
MALTA

# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

April 2026

Merħba! Il-Papa jistieden lill-bnedmin ta' rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu **għas-saċerdoti li għaddejjin minn żmien ta' kriżi fil-vokazzjoni tagħhom biex isibu l-akkumpanjament li jkollhom bżonn u biex il-komunitajiet jifhmuhom u jitolbu għalihom.**

**Ningabar:**

Nieħu ftit tal-ħin biex ningabar u niffoka ħalli l-preżenza ta' Alla tkun tista' tmexxini fit-talb. Naħseb ftit dwar is-saċerdoti li jagħtu s-servizz tagħhom fil-parroċċa tiegħi.

**Fatt ċkejken:**



Konna għaddejjin biċ-ċelebrazzjonijiet tal-Milied fil-parroċċa tagħna u l-parruċċani kienu kollha fehma waħda - kemm konna grati li Dun Benjamin kien irnexxielu joħloq programm veru sabiħ għall-funzjoni ta' lejlet il-Milied. Familti kellha x-xorti li taħdem mill-viċin ma' dan is-saċerdot u stajna naraw l-entużjażmu, il-kariżma u l-ispiritwalità profonda li kien imżewwaq bihom dan il-qassis. Lanqas kienet għadha għaddiet ġimgħa meta l-kappillan waqt l-avviżi ħasadna lkoll – ħabbrilna li Dun Benjamin kien se jħalli l-parroċċa tagħna biex jibda ministeru ieħor! Ma flaħtx inlissen kelma u ħafna mistoqsijiet bdew ġejjin: Imma għala se jeħduh wara ftit xhur? Kien qed jagħmel tant ġid fostna u issa se jintilef kollox? Wara l-quddiesa dħalt fis-sagristija, fejn sibt lil Dun Benjamin b'idejh iżomm rasu. Kien jidher mgħobbi ħsibijiet u t-tbissima tas-soltu kienet mibdula f'ħarsa ċassa. Kif ersaqt lejh u lissint il-frażi: "Se nitilfuk!", Dun Benjamin infaqa' f'bikja u qalli: Flok il-Milied, qed ngħix il-Kalvarju ta' Kristu. Ma nafx għala se jċaqalquni. Se jibagħtuni mal-anzjani meta jien għandi tant enerġija għal maż-żgħażagħ! Ma nistax nifhem għala għamluli hekk!" Sammarni u ma flaħtx inlissen kelma. Wara mumenti ta' skiet, laqlaqt: "It-toroq tal-Mulej ma nifhmuhomx... aħna se nżommuk f'talbna." U hu weġibni: "Għandi bżonn talbkom! Grazzi!" Dawn il-ftit minuti ma' dan is-saċerdot ġegħluni nirrifletti fuq il-ħajja tas-saċerdozju – il-mumenti ta' sfidi li jgħixu fis-silenzju, l-umanità tas-saċerdot li jħossu dgħajjef quddiem is-salib u l-bżonn li s-saċerdot iħoss lill-komunità qrib tiegħu.

**Naħseb ftit:**

Jien kif inħares lejn il-ħajja tas-saċerdozju? Kemm jien sensittiv lejn l-umanità tas-saċerdot? Kif nirrispondi quddiem il-kriżi li jkun għaddej minnha saċerdot?

**Nitlob:**

Mulej, inpoġġi quddiemek is-saċerdoti tal-parroċċa tiegħi u l-mumenti ta' dlam u sfidi u nitolbok tagħtihom id-direzzjoni lura lejn il-kenn ta' mħabbtek.

**Kliem ta' dawl:**

"Huwa meħtieġ li nitolbu għall-qassisin għax ħafna drabi jinsewhom il-ħajjin, peress li l-insara spiss jaħsbu li l-qassisin m'għandhomx bżonn it-talb". *San Ġużeppi Moscati*

**X'nista' nagħmel:**

Noffri l-quddiesa tal-Ħadd għall-bżonnijiet tas-saċerdoti tal-komunità tiegħi u nfittex li nkun sensittiv lejn is-saċerdot li jkun għaddej minn żmien diffiċli.